## Minuti tal-għoxrin (20)-il laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali Nadur
## Nhar it-Tlieta 16 ta' Lulju, 2013 fit-3:00 p.m.

Preżenti:-

| | |
|---|---|
| Charles Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Josianne Cutajar | Kunsillier |
| Maria Natoli | Kunsillier |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsillier |
| *Rita Mifsud Attard* | *Segretarju Eżekuttiv* |

---

1. **Talba.** Il-laqgħa bdiet bit-talba.

2. **Partita tal-Boċċi.** Attendew għall-laqgħa delegazzjoni minn San Blas biex jiddiskutu t-tinda għall-partita tal-boċċi fl-istess inħawi. Il-Kunsill ħareġ sejħa għall-kwotazzjonijiet darbtejn sabiex din it-tinda ssir iżda ma irċieva ebda kwotazzjoni. Jidher li l-problema hija l-pilastri li fuqa trid issir it-tinda. L-eżistenti mhumiex soddi u hemm bżonn li jinbidlu. Margaret Magrin li kienet parti mid-delegazzjoni informat lill-kunsill li hemm residenti minn San Blas li huma lesti li jaħdmu l-pilastri mill-ġdid huma jekk il-Kunsill jħallas l-ispejjes tal-materjal. Dwar dan il-Kunsill jaqbel u għandhom jiġu preżentati stimi tal-materjal sabiex issir dan ix-xogħol.

3. **Minuti.** Il-minuti tal-laqgħa numru dsatax (19) tas-seba' Kunsill ġew approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċċjali.

4. **Korsijiet fis-Sajf.** Il-korsijiet tas-sajf u Child Care Centre organizzati mill-Kunsill issa bdew kollha. Dawn ikomplu matul ix-xhur tas-sajf.

5. **Ikla Tradizzjonali ta' l-Imnarja.** Inġibed l-attenzjoni li kien hemm problemi dwar l-entertainment waqt l-Ikla Tradizzjonali u dan għaliex il-programm beda tard minħabba t-tul esaġerat tal-quddiesa. Ġie diskuss ukoll il-bżonn li jkun hemm aktar pubbliċita dwar l-attivitajiet li jiġu organizzati. Is-Segretarja Eżekuttiva nformat lill-Kunsill li kien hemm artiklu u ritratti dwar il-wirja agrarja l-għada ta' l-attivita f'waħda mill-gazzetti ewlenin. Is-Sindku qal wkoll li gazetta partikulari kellha paġna shiha dwar il-Wirja li ġiet organizzata fil-bini tal-Kunsill fi' żmien l-Imnarja u oħra kellha diversi ritratti tal-Wirja Agrarja u l-Wirja fil-Kunsill. L-attivitajiet organizzati mill-Kunsill fl-okażżjoni tal-Festa tal-Imnarja kienu kollha suċċess u kellhom attendenza tajba ħafna.

6. **Siġar.** Il-Kunsill ma ngħatax permess mill-MEPA sabiex issir l-iżbir tas-siġar tal-pjazza bħal ma jsir is-soltu fi żmien l-Imnarja. Is-Segretarja Eżekuttiva ġiet informata li huwa mportanti li s-siġar jinżammu miżburin sabiex l-għeruq tagħhom ma jkomplux jikbru w jikawżaw aktar ħsarat. Il-Kunsill qed jinżamm responsabbli mir-residenti tal-Pjazza kif ukoll tal-pjazzetta tal-ħsarat li qed issir fil-kannen tad-drenaġġ kif ukoll tal-madun miksur tad-djar. Il-Kunsill għandu jibgħat ittra lil MEPA, u jitlob kjarifika dwar dan. Il-Kunsill għandu jitlob ukoll permess mill-MEPA biex jinqalu s-siġar tal-pjazzetta.

7. **Miss Malta Productions.** Il-Kunsill ġie informat mill-Miss Malta Productions li l-programm li kellu jsir mill-Pjazza nhar it-Tnejn 5 ta' Awwissu mhux ser issir.

8. **Gonna u Playing Fields.** Il-Kunsill ħa ħsieb li jerġa jwaħħal tabelli li jindikaw li tipjip huwa projbit fil-playing fields wara li dawn gew misruqa. Dawn twaħlu fit-tlett playing fields li hemm fin-Nadur. Twaħħlu wkoll tabelli fil-viċinanzi tal-istess postijiet li jindikaw li fil qrib hemm żona tal-logħob għat-tfal. Dan biex issir sewqan bil-mod. Il-Kunsill ħa ħsieb ukoll jinkariga għassa ma Gnien il-Kunsill peress li qed ikun hemm ħafna lmenti mir-residenti dwar storbju minn gruppi kbar ta' żgħażagħ li qed jifrekwentaw il-ġnien filgħaxija. Barra hekk qed ikun hemm ħafna vandaliżmu. Il-Kunsill għandu jerġa jiġbor kwotazzjoni għall CCTV cameras għall-Gnien il-Kunsill.

9. **Permessi ta' Attivitajiet Barra.** It-Triq ta' Daħlet Qorrot ġiet ikkundannata mill-Perit tal-Gvern u gew imwaħħla tabelli biex ma jinżlux vetturi fil-Bajja mill-Gvern Centrali. Il-Kunsill ġabar kopja tar-rapport tal-Perit mingħand il-pulizija. Għalhekk l-attivitajiet li kienu ser isiru fil-bajja ta' Dahlet Qorrot ġew ikkanċellati w l-permessi ngabru lura, mill-Kunsill. Il-Kunsill kellu wkoll jagħlaq il-latrina pubblika ta' Dahlet Qorrot peress li l-bowser ta' l-ilma u l-bowser li jnaddaf il-fossa ma jistax jinżel fil-bajja. Il-Kunsill ġie avżat ukoll li attivitajiet kbar fil-bajja ta' Dahlet Qorrot jrid jkollhom il-permess tal-MEPA, u dan peress li dik l-area hija skedata taħt in-Natura 2000. Il-Kunsill għandu jikteb ittra lid-Direttur Joseph Portelli u lil-Ministru għal Għawdex fejn jitlob aktar tagħrif u informazzjoni dwar l-istat tat-triq u x' hemm maħsub li jsir biex tiġi irranġata l-istess triq.

10. **Korrispondenza.**

(4590) Memo 11/2013 Hlas ta' taxxa u tal-bolla tas-sigurta socjali
(4591) Memo 12/2013 Artikli li jidhru fuq il-Gazzetti Lokali
(4592) Memo13/2013 Projbizzjoni tat-tipjip fi Playing Fields u Gonna Pubblici
(4593) Memo 14/2013 Permessi tal-Krejnijiet Online
(4594) Memo 15/2013 L-Uzu tal-Internet Banking
(4595) Memo 16/2013 Kontribut Finanzjarju ta' Kunsil Lokali Ghal Xiri ta' Materjal Edukattiv Ghall – Iskejjel
(4596) Memo 17/013 Skema a' Ghajnuna Finanzjarja Ghal Streaming tal-Laqghat On Line
(4597) Ittra mingħand l-Ing. Joseph Bajada dwar kontijiet ta' l-ilma fil-latrina pubblika
(4598) Email mingħand Leone Promotions dwar banda guggen fi zmien il-Karnival 2014

**Charles Said, Sindku**  **Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv**

(4599) Ittra mill PPCD dwar l-applikazzjoni tal-Kunsill ERDF 324 –Nadur Child Care
(4600) Acknowledgement mit-Transport Malta dwar sinjali sofor fi Triq Frangisk Attard
(4601) Acknowledgement mit-Transport Malta dwar sinjali sofor fi Triq Cicciano
(4602) Acknowledgement mit-Transport Malta dwar sinjali sofor fi Pjazza l-Arċipriet Martin Camilleri
(4603) Acknowledgement mit-Transport Malta dwar sinjali sofor fi Triq Hida
(4604) Lista ta' Attivitajiet pjanati mill-Għaqda Armar Triq Diċembru 13
(4605) Ittra mill-MEPA dwar "Consultation Exercise"
(4606) Kopja tar-rapport dwar it-Triq ta' Daħlet Qorrot
(4607) Kopja ta' email dwar l-attivita tas -7 ta' Lulju fil-Bajja ta' Dahlet Qorrot
(4608) Time Table għall-korsijiet tal-Life Long Learning
(4609) Ittra ta' ringrazzjament mis-Sorijiet Franġiskani
(4610) Ittra ta' ringrazzjament mill-Fondazzjoni Arka
(4611) Results of National Selection Process – Lifelong Learning Programme - Reserve List
(4612) Acknowledgement mit-Transport Malta dwar siinjali sofor fi Triq Ta' Said (wara residenza fi Pjazza San Pietru u San Pawl)
(4613) Stqarrija minn Nadur Youngsters FC – Kumitat Gdid
(4614) Acknowledgement mit-Transport Malta dwar sinjali sofor fi n/s Off St. Blas Street

11. **Loading/Unloading.** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Transport Malta dwar loading/unloading bay fi Triq it-Tigrija quddiem ħanut. Dawn is-sinjali għandhom isiru mill-Gvern Centrali.

12. **Ħarġa għall-Anzjani.** Ser issir ħarġa għall-anzjani nhar it-Tlieta 6 ta' Awwissu. Tluq mill-pjazza fl-4:30 ta' wara nofsinhar.

13. **Latrina Pubblikka.** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Public Cleansing Section dwar il-kont ta' l-ilma, tal-latrina fi Triq it-Tramuntana, li qed jiġi mħallas mill-Gvern Centrali. Fil-fatt il-kont jgħajjat lil istess sezzjoni tal-Gvern. Huma talbu li dan il-kont jibda jiġi mħallas mill-Kunsill u mhux mill-Ministeru għall-Ghawdex kif kien qed jiġri s'issa.

14. **Siġar taż-Żebbuġ.** Il-Kunsill ġie avviċinat minn residenta ta' Triq il-Qala li għamlet talba lil MEPA biex taqla siġra taż-Żebbuġ, peress li din kienet qeda timblokka waħda mill-entraturi tad-dar tagħha. Il-MEPA talbet li din il-persuna tħawwel 40 siġra taż-żebbuġ sabiex tkun tista taqla l-istess siġra. Hi ħalset lill-Kunsill l-ispejjes biex jinxtraw dawn is-siġar. Il-Kunsill ser iħawwal dawn is-siġar f'Settembru u dan peress li f' dan iż-żmien, it-temp ikun jippermetti aktar li jiġu mħawwla.

15. **Memo 14/2013.** Il-Kunsill ġie mitlub biex jagħmel Merchant Accounts mal-Banek HSBC u BOV sabiex il- permessi tal-krejns ikunu jistgħu jsiru online. Il-Kunsill għandu jitlob kjarifika dwar dan peress li l-permessi mhux dejjem jiġu approvati mill-Kunsill.

16. **Memo 17 Live Streaming tal-laqgħat tal-Kunsill.** Għalkemm il-Kunsill għadu ma ħax deċizjoni dwar din l-iskema ġie deċiż li l-Kunsill jitlob stima mingħand xi ħadd tekniku dwar ix-xiri tal-materjal u l-ispejjes biex titħaddem is-sistema tal-live streaming.

17. **Kiosks waqt il-Festa ta' l-Imnarja.** Għandu jiġi diskuss fl-laqgħa oħra tal-Kunsill il-positjiet allokati tal-kiosks speċjalment tat-toys fil-jiem tal-festa.

18. **Entertainment.** Eucharist Camilleri qal li hu ġie avviċċinat minn familjari ta' tifla li ħadet sehem fl-Ikla Tradizzjonali biex tingħata ħlas tas-servizz tagħha waqt din l-attivita. Is-Segretarja Eżekuttiva ġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill jagħti opportunita' lil dawn it-tfal u żgħażagħ biex juru t-talent tagħhom u dan m'għandux ikun bi ħlas għaliex il-Kunsill ikun qed jgħati opportunita u exposure lit-talent tal-istess tfal. Is-Sindku qal li la darba jsir ħlas lill waħda mill-parteċipanti, għandu jingħata kumpens lill kull minn ha sehem. Huwa qal li għandhom jingħataw 25 euro kull wieħed/a. Pero wieħed għandu jżomm quddiem għajnejh għall-futur ,li minn jitlob hu li jieħu sehem, ma għandux jippretendi ħlas u dan meta Il-budget tal-kunsill huwa limitat ħafna fejn jidħol entertainment.

19. **Kont pendenti.** Il-Kunsill irċieva statement mingħand il-Media Link bil-bilanċ ta' €161.77. Josianne Cutajar ġibdet l-attenzjoni li dawn il-kontijiet huma preskriti u m'għandhomx jitħallsu. Rita Mifsud qalet li kif dejjem għamel il-Kunsill jekk il-Kunsill ħa servizz jew materjal għandu jħallas tiegħu irrispetiviment mid-data tal-kont. Is-Segretarja għandha ġġib kopja tal-kontijiet oriġinali biex tivverifika dawn il-kontijiet. Josianne Cutajar ma qablitx li dawn jiħallsu. Iżda l-Kunsilliera l-oħra qablu li la darba jiġu vverifikati dawn għandhom jitħallsu.

20. **Youth Exchange.** Il-Kunsill taż-żgħażagħ applika taħt il-Youth in Action Programme għal exchange "Green Beyond Borders" u ġie magħżul. Bejn il-Ħadd 11 ta' Awissu u t-Tnejn 19 ta' Awwissu ser ikun hawn il-fuq minn 20 żagħżugħ minn diversi pajjizi Ewropej. Ma dawn ser ikun hemm iż-żagħżagħ tan-Nadur Youth Council li qed jieħdu ħsieb il-program ta' matul dawn il-jiem. Għal dan l-exchange, il-European Union Programmes Agency, ser jghaddu lill-Kunsill is-somma ta' €11,368 li jinkludu fost l-ohrajn l-ispejjes tal-passaġġi ta' l-ajru.

21. **Laqgħa għall-Ġenituri.** Ġiet diskussa l-problema kbira ta' droga li teżiżsti fost iż-żgħażagħ anke fin-Nadur. Ġie ssuġġerit li jsir "talk" mill-Aġenzija Sedqa għall-ġenituri. Kien hemm qbil li din tiġi organizzata u għandha ssir f'Ottubru.

22. **Wine Festival 2013.** Il-preparamenti għall-Wine Festival huma lesti u dan wara diversi laqgħat fosthom mad-diriġenti tad-Delicata Winery . Il-Programm tal-entertainment għat-tlett serati huwa wkoll komplut . Il-Gruppi prinċipali li ser jieħdu sehem ser ikunu - il-Gimgħa – Cash & Band, is-Sibt - Red Electrick (rebbieha tal-Best Band Award 2012) u l-Ħadd Spectrum. Barra dawn ser ikun diversi kantanti u items oħra ta' divertiment fuq il-palk prinċipali.

**Charles Said, Sindku** **Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv**

23. **Attivita Barra.** Eucharist Camilleri issuġġerixxa li tiġi organizzata "Opera" fil-berah. Din ghanda tiġi diskussa aktar il-quddiem.

24. **Kuntratti tal-Kunsill.** Josianne Cutajar staqsiet dwar il-kuntratti tal-ġonna u tindif ta' toroq. Hi talbet li jkun hemm "timetable" bil-ħinijiet u ġranet ta meta jsir ix-xogħol. Is-Sindku spjega li dawn il-kuntratti m'għandhomx ħinijiet partikulari ta' x' hin issir ix-xoghol, pero l-ġonna u t-toroq iridu jinżammu fi stat nadif u tajjeb kontinwament. Meta ma jsirx hekk il-Kunsill jiġbed mill-ewwel l-attenzjoni tal- istess kuntratturi.

25. **Sqaqien bil-Porfido.** Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li tnejn mis-sqaqien li qed isiru bil-porfido, fl-inhawi ta' San Blas, huma lesti. Kien hemm problema bit-tielet sqaq peress li residenta fl-istess sqaq oġġezzjonat li jsir ix-xogħol, minħabba raġġunijiet ta' saħħa u mobilita. Il-Kunsill kien diġa ħa deċiżjoni li sqaq fi Triq ta' Said issir bil-paving u għalhekk it-tielet sqaq li ser issir bil-porfido imedjatament ser ikun dak fi Triq Ta' Said.

26. **Bollards.** Is-Sindku qal li ġie avviċinat mill-pulizija biex il-Kunsill jagħmel xi bollards f'xi toroq biex ma jkunx hemm problema ta' ġarr ta' barriers biex jingħalqu dawn it-toroq, meta tkun ser tiġi organizzata xi attivita. Il-Kunsill għandu jara kemm jiswew dan il-bollards (li huma tip li jinżlu ġo l-art meta ma jkunux jintużaw). Il-Kunsilliera qalu li mhux dejjem jingħalqu l-istess toroq u għalhekk din is-sistemma mhijiex daqshekk vijabli.

27. **Affarijiet oħra.** Hemm xi kantuni fin-nofs fi Triq l-Arċipriet Saver Cassar li jridu jinġabru. Hemm bżonn ta' tindif tal-mirji. Maria Natoli qalet li hi ġiet informata minn Tony Grima ta' Triq Isqof M. F. Buttigieg li hu talab bankina ġdida xi żmien ilu u din għada ma saritx. Il-Kunsill għandu jara dwar din. Talbet ukoll li ssir bankina quddiem ir-residenza ta' Rita Haber fi Triq F.S. Sciortino. Din m' ghandiex issir peress li f' din it-triq m'hemmx bankini għaliex id-djar għandhom front garden u t-triq hija dejqa.

Il-laqgħa ntemmet fis-6:50 p.m. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 20 ta' Awwissu 2013 fl-4:30 ta' wara nofsinhar.

**Ċharles Said, Sindku**  **Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv**